MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VINCENT GALEA**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2013

Talba Numru. 915/2009

**John J. Papagiorcopulo [ID. Nru. 268357M]**

**Vs**

**Albert Xuereb [ID Nru. 419057M] u b'digriet tas-17 ta' Frar, 2010 giet kjamat in kawza s-socjeta AL Investments Limited**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fit-30 ta' Ottubru, 2009** u li permezz taghha talab lill-intimat jhallsu s-somma ta' tlett elef erba' mija erbgha u disghin euro [€3,494] u dan wara li ppremetta hekk:

"L-attur qed jitlob is-somma ta' tlett elef, erba' mija u erbgha u disghin euro (€3,494) rappreżentanti prezz ta' servizzi peritali rezi lill-konvenut fuq ordnijiet tieghu stess u li baqa ma thallasx;

Minkejja li gie interpellat ihallas diversi drabi dan baqa inadempjenti;

Qed jintalbu ukoll l-imghaxijiet dekorribbli mill-5 ta' Novembru, 2007 [indikat fuq ir-reminder anness u immarkat DOK A] sad-data tal-effettiv pagament, bl-oghla rati permessi mil-ligi;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni, inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qed jiġi ppreżentat kontestwalment ma' dan l-avviz u ta' l-ittra bonarja mibghuta fit-tlettax (13) ta' Awwissu, 2009 [Dok. B] li baqghet bla tweġiba".

Ra **r-risposta tal-intimat** minnu mressqa fis-16 ta' Novembru, 2009 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

"1. Illi l-konvenut mhux il-legittimu kontradittur f'din il-kawza peress li huwa qatt ma nnegozja ma' l-attur personalment.

2. Illi minghajr preġudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub mill-attur f'din il-kawza huwa wiehed ezagerat.

3. It-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri hekk kif permessi mil-ligi".

Ra l-verbal datat 17 ta' Frar, 2010 fejn Dr. Adrian Camilleri ghall-intimat indika lis-socjeta AL Investments Limited bhala l-legittimu kontradittur ghat-talbiet tas-socjeta rikorrenti u ta ruhu b'notifikat bl-avviz ghat-talba ghan-nom tas-socjeta AL Investments Limited.

Ra **r-risposta tas-socjeta intimata** minnha mressqa fit-22 ta' Frar, 2010 u li permezz taghha hija rrispondiet hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

"1. Illi preliminarjament it-talba ta' l-attur hija preskritta ai termini tal-artikolu 2149(c) tal-Kap. 16;

2. Illi minghajr preġudizzju ghas-suespost s-socjeta konvenuta qatt ma aċċettat li thallas l-ammont mitlub stante li dan huwa wiehed ferm ezagerat fic-cirkostanzi tal-kaz u tax-xoghol imwettaq.

3. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skond il-ligi".

Ra l-verbal tal-24 ta' Novembru, 2010 fejn l-intimat proprio ecepixxa l-preskrizzjoni ghat-talba tar-rikorrenti u dan ai termini ta' l-artikolu 2149(c) tal-Kapitolu 16.

Ra l-verbal datat 6 ta' Mejju, 2011 fejn Dr. Adrian Camilleri irtira l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghan-nom ta' l-intimat u tas-socjeta kjamata in kawża.

Ra l-verbal datat 9 ta' Lulju, 2012 fejn id-difensuri tal-partijiet b'referenza ghax-xhieda mghotija mir-rikorrenti in subizzjoni fl-24 ta' Novembru, 2010 irrilevaw li din ma hijiex mehtiega in vista tax-xhieda li huwa ta sussegwentement kemm fl-affidavit tieghu kif ukoll in vista tal-kontro-ezami tieghu.

Ra l-verbal datat 6 ta' Mejju, 2013 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. In succint jinghad li rikorrenti qieghed ifittex lill-intimat ghal hlas tas-somma ta' €3,494 u dan bhala drittijiet professjonali ghal xoghol imwettaq minnu fuq inkarigu ta' l-istess intimat. Da parti tieghu, l-intimat qal li huwa ma huwiex il-legittimu kontradittur, iżda hija s-socjeta AL Investments Limited li ghandha twieġeb ghal istess.

Ikkunsidra;

2. **Ir-rikorrenti xehed** permezz tal-procedura ta' l-affidavit. Huwa qal li kellu jimla *bill of quantity* ghall-intimat ghaliex huwa kien xtaq li jaghmel *tender* ghal xoghol ta' alterazzjonijiet f'fabbrika li kienet tinsab fiz-Zona Industrijali ġewwa l-Marsa. Huwa qal li kienu saru diversi laqghat u anke *site visit* sabiex ikun jista jaqdi l-inkarigu tieghu skond ix-xewqat ta' l-intimat. Zied ighid li huwa ha hsieb li jimlilu t-tender "*... b'figuri illi stajt iniżżel ibbażati wara illi rajt il-fabbrika fejn hadni huwa tenut ukoll ta' l-esperjenza tieghi f'dan il-qasam*" (fol. 37). Wara li r-rikorrenti ikkompleta dan it-*tender document*, huwa iddiskutieh ma' l-intimat u imbaghad l-istess intima tiffirmah fil-presenza tar-rikorrent. Kien f'dan l-istadju li l-intimat infurmah li "*... kien sejjer jimla t-tender ghan-nom ta' xi kumpanija tieghu bl-isem ta' AL Investments Limited u effettivament imlija bil-firma tieghu...*" (fol. 37). Qal li kien l-intimat li tah l-inkarigu u ghalhekk qajla kien jinteressah minn kien ser jiffirma t-*tender*.

Ir-rikorrenti żied ighid li l-valur tat-tender kien ta' Lm35,580.45 pari ghal €82,880.15. Qal li meta gew biex jikkalkulaw id-dritt tieghu, huma kienu qablu li dan jidhol bhala spiża fit-*tender*. L-ammont maqbul kien ta' Lm1,770 pari ghal €4,122.99c. Dan l-ammont, jkompli jghid ir-rikorrenti, "*... kien sejjer ikopri x-xoghol kollu illi kont ghamilt fuq dan l-inkarigu u illi semmejt iktar 'l fuq fkimkien ma spejjez amministrattivi ohra illi kelli ta' bilfors nohrog fil-kors ta' l-inkarigu tieghi*" (fol. 37). Stqarr li lill-intimat huwa kien qallu li jekk jirbah it-tender, allura l-ammont miktub fit-tender document ta' Lm1,770 kellu jiġi rivedut bejniethom u dan peress li dak l-ammont kien baxx wisq. Minn dan l-ammont ta' Lm1,770 ir-rikorrenti kien ta' skont ta' Lm270 lill-intimat biex b'hekk gie li kellu jaghtih is-somma ta' Lm1,500 pari ghal €3,494.06c.

Ir-rikorrenti jghid ukoll li l-intimat kien talbu sabiex johrog il-kont fuq is-socjeta kjamata fil-kawza. Ir-rikorrenti jghid li "*jiena ghamiltha cara mieghu illi ma kelli ebda diffikultà illi nohrogha kif xtaq b'dan illi kienet sejra tghajjat lilu bhala l-persuna illi qabbadni naghmel dan ix-xoghol. Il-kumpanija u l-indirizz tieghu tan-Naxxar kienu sejrin jitnizzlu semplicement bhala 'mailing address'*" (fol. 38).

Minkejja li beda jitlob il-hlas, l-intimat baqa ma hallsu qatt u ghalhekk kellhom isiru dawn il-proceduri.

In kontro-ezami, huwa qal li fl-ammont reklamat minnu f'dawn il-proceduri hemm inkluż il-VAT. Mistoqsi biex jispjega kif gie dan l-ammont li qieghed jitlob minghand l-intimat, ir-rikorrenti jghid li dan l-ammont huwa dovut ghal "*site inspection, li kienet saret fil-presenza tas-Sur Albert Xuereb il-konvenut, xoghol segretarjali u ritratti, photocopies, stationery u erbgha meetings individwali fl-ufficju tieghi*" (fol. 65). Ghar-rigwrad tal-hin li huwa ghamel sabiex jimla dan it-*tender document* ir-rikorrenti jghid li ghamel tnejn u sebghin (72) siegha li bi tmintax-il lira Maltin (Lm18) pari ghal €41.93c is-siegha jiġi l-valur ta' €3,018.96c. Qal ukoll li kellhu jaghmel *site inspection* ulterjuri wahdu fuq il-post u kellhu jaghmel il-valur tal-materjal eżistenti dak il-mument fuq is-suq.

Mistoqsi jekk kienx hemm kuntratt iffirmat bejnu u bejn l-intimat ghar-rigward tar-rati li kien sejjer juża, r-rikorrenti qal li ma kien hemm xejn bil-miktub iżda kien hemm il-kelma ta' l-irgulija. Ghar-rigward tar-rata ta' Lm18 is-siegha (li fiha hemm ukoll ir-rata tal-VAT), ir-rikorrenti jghid li dan l-ammont huwa ammont li haqqu jiehu ghax-xoghol tieghu.

Mistoqsi jekk is-socjeta kjamata in kawża kienitx qatt inkarigatu sabiex jaghmel xi xogholijiet ghalija, r-rikorrenti wieġeb billi qal li "*... qatt ma ghamilt xoghol ghal din il-kumpanija nghid illi jiena naf lill-Albert Xuereb*" (fol. 65) u "*Jiena qatt ma ġejt infurmat li Albert Xuereb kien qed ikellimni fil-vesti tieghu ta' Direttur tas-socjeta AL Investments Limited però minkejja dan l-invoices gew indirizzati lill-kumpanija AL Investments Limited*" (fol. 66).

3. Fis-seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2012 **xehed l-intimat**. Beda biex qal li huwa direttur fis-socjeta kjamata in kawża. Din is-socjeta "*... tiżviluppa l-proprjetajiet u taghmel xoghol ta' kostruzzjoni*" (fol. 58). Zied ighid li kien mar ghand ir-rikorrenti sabiex jghinu jimla *tender*. Dan it-*tender* "*... kien jikkomprendi x-xogholijiet kollha li kien*

*hemm mehtiega sabiex ikun hemm it-tibdil fil-fabbrika tal-Marsa. Ix-xogholijiet kienu jinkludu u li riedu jsiru xi saffi ta' konkos, tibdil fil-faccata u xi strutturi ohrajn*" (fol. 58). L-intimat jikkonferma li dan it-*tender* kienet applikat ghalih is-socjeta kjamata in kawża. Kopja tat-tender jinsab esebit a fol. 39 et seq (dok. JP 1) tal-process u l-intimat qabel li dan it-*tender* imtela mir-rikorrenti fuq inkarigu tieghu. Qal li dan ix-xoghol kien affari ta' ftit sieghat. Ma ftakarx jekk dan id-dokument imtelliex dakinhar li iltaqaw jew xi żmien wara. Dwar l-ammont indikat fit-*tender document* ta' Lm1,770 l-intimat stqarr li r-rikorrenti kellu jithallas parti minn dan l-ammont. Dan peress li huwa (l-intimat) kien ser ikun il-*Project Manager* filwaqt li r-rikorrenti ikun il-Perit inkarigat mix-xogholijiet. Waqt ix-xogholijiet, ighid l-intimat, ir-rikorrenti qatt ma mar *on site* u kull ma mar kien f'okkazzjoni wahda waqt li kien qieghed jimtela t-*tender document*. Huwa kien baqa mar-rikorrenti li jekk ikollu bzonnu huwa kien ser jikkonsulta mieghu.

L-intimat fix-xhieda tieghu jaqbel li huwa ghandu jaghti xi haġa tal-flus lill-Perit ghax-xoghol li kien ghamel però meta kien qallu kemm kien l-ammont li kien qieghed jippretendi ghas-servizzi tieghu, l-intimat mal-ewwel infurmah li ma kienx qieghed jaqbel ma dan l-ammont. Qal li f'okkazzjoni preċedenti, l-istess rikorrenti kien zammlu s-somma ta' Lm345 pari ghal €803.63c ghal żewġ tenders u allura gie li zammlu Lm150 (eskluż il-VAT) fuq kull *tender document* li kien imtela.

L-intimat kompla jghid li r-rikorrenti qatt ma ghamel il-*project management* tal-progett u ghalhekk ma ghandu l-ebda dritt jitlob hlasijiet ghal xi haġa li ma ghamilx. Qal li "*konsulenza però kif diġà ghidt konna ghamilna ghax imlieli t-tender document*" (fol. 59).

Ghar-rigward tax-xoghol li huwa kien inkariga lir-rikorrenti, l-intimat ighid li "*dan it-tip ta' xoghol jiena qatt ma ghamiltu f'ismi personali imma ghamiltu ghan-nom tal-kumpanija li hija AL Investment Limited*".

In kontro-ezami, huwa qal li l-ewwel fattura li kien irċieva minghand ir-rikorrenti kienet fil-5 ta' Dicembru, 2008. Zied

ighid li minkejja li kien hemm il-kelma *reminder* fuq il-fattura, huwa qatt ma rċieva xi kont qabel din.

4. Fis-seduta tal-15 ta' Mejju, 2012 xehded **Charles Sargent**, direttur fis-socjeta Sargent and Best Limited prodott mill-intimati. Huwa qal li s-socjeta minnu rappreżentata taghmel xoghol ta' *stainless steel* u hadid. Ghar-rigward tat-*tender* in kwistjoni, huwa qal li l-Malta Industrial Parks kienet harget dan l-istess *tender* u s-socjeta Sargent and Best kienet kellmet lill-intimati sabiex jiehdu hsieb xoghol relatat mal-kostruzzjoni. Il-fatturi, jkompli jghid dan ix-xhud, huma kienu jirċievuhom minghand is-socjeta kjamata in kawża u qatt ma irċevew xi fattura minghand l-intimat personalment. In kontro-ezami, huwa qal li l-hlasijiet ghar-rigward ta' dan it-*tender* sar wara li tlestew ix-xogholijiet. Zied ighid li lir-rikorrenti qatt ma rah.

Ikkunsidra;

5. Mill-atti tat-talba, jirrizulta s-segwenti:

i. Ir-rikorrenti kien gie inkarigat sabiex jimla *tender document* ghal xogholijiet li kellhom isiru fuq fabbrika mmexxija mis-socjeta Sargent and Best Limited.

ii. L-intimat Albert Xuereb ighid li huwa qatt ma inkariga lir-rikorrenti personalment, iżda kienet is-socjeta AL Investments Limited li ghamlet dan. Fuq dan il-punt ma hemmx qbil bejn il-partijiet.

iii. Ir-rikorrenti qieghed jitlob il-hlas tas-somma ta' €3,494 filwaqt li l-intimati jghidu li dan l-ammont huwa esaġerat u li f'okkazzjonijiet simili, r-rikorrenti kien żamm is-somma ta' Lm150 pari ghal €349.41c (eskluż il-VAT). Minkejja dan, l-intimat ighid li r-rikorrenti haqqu xi haġa tax-xoghol li ghamel imma mhux l-ammont li qieghed jitlob. Ovvjament ukoll fuq dan il-punt ma hemmx qbil.

iv. Il-partijiet ma kienux ftehmu bejniethom dwar ir-rata applikabbli li r-rikorrenti kellhu jżommilhom ghal mili ta' dan id-dokument. Ir-rikorrenti jghid li huwa, apparti d-

*disbursements* li ghamel (xoghol segretarjali, ritratti u fotokopji) ghamel tnejn u sebghin siegha xoghol biex seta jikkompleta d-dokument li jinsab esebit a fol. 39 et seq tal-process (dok. JP 1) u li ghal dawn is-sieghat huwa żamm bir-rata ta' Lm18 pari ghal €41.93 (inkluż il-VAT) is-siegha.

Ikkunsidra ulterjorment;

6. Nibdew billi nikkunsidraw l-ewwel eċċezzjoni mqanqla mill-intimat u cioe li huwa ma huwiex il-legittimu kontradittur u ghalhekk ghandu jiġi mehlus mill-harsien tal-gudizzju. It-Tribunal huwa tal-fehma mill-provi prodotti u hawn fuq riportati li kien l-intimat personalment li kkuntratta dan ix-xoghol minghand ir-rikorrenti. Huwa minnu li fuq it-*tender document* hemm isem is-socjeta kjamata in kawża, però t-Tribunal f'dan il-kaz qieghed jeżamina min kien inkariga lir-rikorrenti biex jaghmel dan ix-xoghol. It-Tribunal huwa tal-fehma li kien l-intimat personalment li ghamel dan. Ir-rikorrenti spjega li huwa kien jindirizza l-kontijiet fuq isem l-intimat, imbaghad kien jikteb isem il-kumpanija kjamata in kawża u l-indirizz taghha bhala *mailing address*. It-Tribunal ma ghandux ghalfejn jiddubita minn din ix-xhieda. B'hekk din l-eccezzjoni qeghda tiġi michuda. Illi ghalhekk ukoll, is-socjeta kjamata fil-kawza ġiet imdahhla inutilment mill-intimat u konsegwentement qieghed jillibera lill-istess soċjetà mill-harsien tal-gudizzju.

7. Imiss issa li jiġi diskuss l-ammont li huwa dovut lir-rikorrenti ghax-xoghol li huwa ghamel biex dan id-dokument seta jimtela. Ir-rikorrenti jghid li huwa ghamel tnejn u sebghin siegha (72) xoghol fuq dan il-progett u li kien hemm ukoll xi xogholijiet ohra li saru biex b'hekk l-ammont komplessiv kien jitla ghall-ammont mitlub fit-talba odjerna. L-intimat fix-xhieda tieghu u fil-kontro-ezami li sar lir-rikorrenti ma jxejjienx dan il-fatt u ghalhekk it-Tribunal sejjer joqghod fuq din ix-xhieda tar-rikorrenti ghar-rigward tas-sieghat li ghamel biex ihejji dan id-dokument. Ir-rikorrenti jghid li huwa jżomm Lm18 pari ghal €41.93c is-siegha (inkluż il-VAT). Ir-rikorrenti qatt ma ghamel il-

*project management* tax-xoghol li huwa kien gie mwieghed li jaghmel. Ghalhekk, l-ammont indikat ta' Lm1,700 fid-dokument li hemm a fol. 39 et seq tal-process ma huwiex applikabbli ghal kaz odjern. Jirrizulta li r-rikorrenti żamm bis-siegha, però ftehim dwar l-ammont bil-miktub ma kienx hemm u allura nridu nharsu lejn il-ligi u x'tghid. Harsa lejn it-Tariffa K tal-Kapitolu 12 taht ir-rubrika Drittijiet Mixxelanji insibu li "*F'każijiet meta jkun miftiehem bejn il-perit u l-klijent illi d-dritt għandu jkun fuq bażi ta' ħin, id-dritt għandu jkun €3.49 is-siegħa, iżda, meta l-perit jeħtieġ lgħajnuna ta' assistent, id-dritt għandu jiżdied b'€0.93 is-siegħa*". B'hekk jekk niehdu l-ammont ta' 72 siegha multiplikati b'€3.49 naraw li jiġi l-ammont ta' €251.28c. Ma dan l-ammont ghandu jiżdied il-VAT ta' 18% u cioe l-ammont ta' €45.23c. B'kollox ghalhekk jiġi l-ammont ta' €296.51c. Ma dan l-ammont ghandu jiżdied ukoll ammont iehor li ghandu jithallas lir-rikorrenti ghax-xoghol li sar dwar dan id-dokument, inkluż l-*on site inspections*, laqghat, u xoghol iehor ta' l-ufficju. It-Tribunal qieghed jillikwida dan l-ammont *arbitrio boni viri* fl-ammont ta' tlett mitt euro (inkluż il-VAT). B'hekk b'kollox l-intimat ghandu jhallas lir-rikorrenti s-somma ta' €596.51c li sejrin jiġu miżjuda bl-ammont ta' €3.49c biex jiġu sitt mitt euro (€600) ghad-dritt.

8. Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi fl-ewwel lok ma jiehux konjizzjoni tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni imqanqal mill-intimat u mis-socjeta kjamata in kawża stante li din l-eccezzjoni ġiet irtirata, qieghed jillibera lis-socjeta intimata mill-harsien tal-gudizzju, qieghed jilqa t-tieni eċċezzjoni ta' l-intimat safejn din hija kompatibbli ma dak hawn fuq deċiż u jiddikjara li l-ammont reklamat fit-talba odjerna huwa esaġerat u filwaqt li jichad il-kumplament ta' l-eccezzjonijiet, jilqa t-talba tar-rikorrenti limitatament ghal ammont ta' sitt mitt euro (€600) u jikkundanna lill-intimat Albert Xuereb ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' sitt mitt euro (€600) bl-imghaxijiet fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mid-data ta' din is-sentenza.

L-ispejjez, ghandhom ikunu kollha a kariku tal-intimat Albert Xuereb.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------